# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 248/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Brian Gilford**

Illum 30 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Brian Gilford**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 437370(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Triq Juan B. Azzopardo, Isla:

1. ħebb għal Naik Attard u kkaġunalaha offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. Anthony Carmel Bugeja ta' Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjar u storbju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2021 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 222(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali ddikjarat lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal żmien sena minn dakinhar tas-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, l-Ewwel Qorti ħarġet Ordni ta' Trażżin għal żmien tliet (3) snin minn dakinhar tas-sentenza sabiex tiġi kawtelata l-inkoluminita' ta' Naik Attard u dan bil-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali mis-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"**tirriforma** s-sentenza appellata in kwantu sabet l-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u minflok **tikkonferma** li mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom; sussidjarjament **tirriforma** s-sentenza appellata in kwantu għal piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm dwar l-ewwel u t-tieni aggravju hekk kif kontenuti fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq is-segwenti erba' aggravji:

- fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-proċeduri kontrih huma irriti u nulli;
- fit-tieni aggravju jgħid li l-Ewwel Qorti applikat liġi ħażina meta sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;
- it-tielet aggravju jirrigwada apprezzament żbaljat tal-provi;
- ir-raba' aggravju huwa dwar il-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti u jgħid li din hija waħda eċċessiva.

**Ikkunsidrat**

Illi din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel żewġ aggravji tal-appellant. Fl-ewwel aggravju, l-appellant jgħid, fost l-oħrajn is-segwenti:

> "Illi in vista ta' dan kollu jidher biċ-ċar li fil-każ odjern ma kienx hemm kwerela tal-parti offiża u kontrarjament għal dak stipulat f'Artikolu 221(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Pulizija proċedew bl-azzjoni kriminali kontra l-appellant Brian Gilford *ex officio* minkejja li l-*parte civile* Naik Attard ma tinkwadrax bħala persuna msemmija f'Artikolu 222(1)(a) u (b); għaldaqstant l-proċeduri fil-konfront tal-esponent Brian huma irriti u nulli."

Illi fit-tieni aggravju, l-appellant jgħid, fost l-oħrajn, is-segwenti:

> "Illi Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal ċirkostanzi aggravanti wara li tinstab ħtija taħt Artikoli 216, 217, 218, 220, 221(1) jew 221(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmija f'dan l-istess Artikolu, u

għal kull buon fini fil-każ odjern l-*parte civile* ma tinkwadra fl-ebda waħda mill-persuni msemmija f'Artikolu 222(1).

Għaldaqstant, peress li Artikolu 222(1) ma jistax jiġi applikat waħdu, l-Ewwel Qorti kienet żbaljata peress li qatt ma setgħet issib lill-esponent ħati taħt dan l-artiklu."

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat." [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti tinnota li meta fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant fl-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu hija ndikat Artikoli 222(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta pero' naqset milli tindika l-Artikolu tal-liġi li minnu temerġi l-ewwel imputazzjoni, liema Artikolu kellu jissemma minnha ġialadarba sabet ħtija tal-imputazzjoni msemmija

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

"Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;

Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi isemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

> Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).
>
> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Qorti tinnota li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tindika l-Artikolu tal-liġi li minnu temerġi l-ewwel imputazzjoni li tagħha l-appellant instab ħati jwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat.

Għaldaqstant, il-Qorti ser tirrevoka s-sentenza appellata u ser tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti kif għamlet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza hawn fuq iċċitata u kif sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li fl-atti proċesswali ma hemmx it-traskrizzjonijiet tad-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti tant illi dan il-fatt ġie msemmi fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2023 miżmuma quddiem din il-Qorti. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li hekk kif fis-seduta msemmija hija stiednet lid-Deputat Reġistratur tagħha tagħmel kuntatt mad-Deputat Reġistratur tal-Ewwel Qorti sabiex dawn it-traskrizzjonijiet

possibbiliment jiġu rintraċċati, dejjem jekk kienu ġew reġistrati, id-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti ġiet infurmata li d-depożizzjonijiet tax-xhieda in kwistjoni ma kienux ġew reġistrati u ovvjament anqas traskritti.

Illi filwaqt li huwa minnu li żmien ilu x-xhieda li jkunu xehdu fil-kawżi magħrufa bħala dawk tad-distrett jew dawk sommarji ma kienux jiġu reġistrati u anqas traskritti, pero' fis-sena 2023 dan ma għandux ikun il-każ. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin, anqas temmen, li d-depożizzjoni ta' <u>kull</u> xhud li jkun ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti tiġi reġistrata tkun xi tkun il-kawża. Rigward dawk il-kawżi magħrufa bħala tad-distrett jew dawk sommarji, it-traskrizzjonijiet relattivi jistgħu jsiru ladarba jiġi ntavolat eventwali appell u ladarba jsiru, it-traskrizzjonijiet ikunu jistgħu jiġu nseriti fil-proċess. Dan jevita ħafna ħela ta' ħin inkluż il-fatt li xhieda jiġu mġegħla jixhdu darbtejn (quddiem l-Ewwel Qorti u fi stadju ta' appell), bil-possibilita' wkoll li l-verżjoni tagħhom tinbidel!

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad aktar 'il fuq rigward l-Artikolu nieqes li minnu temerġi l-ewwel imputazzjoni u tenut kont tal-fatt li jirriżulta li f'dan il-każ ma jeżistux traskrizzjonijiet tad-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti, il-Qorti ser tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex terġa' tisma' l-każ mill-bidu skont il-liġi.

Għaldaqstant, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel aktar konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni aggravju mressqa mill-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda għar-raġuni msemmija hawn fuq tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex terġa' tisma' l-każ kollu mill-ġdid.

Finalment, il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali sabiex iġib a konjizzjoni tad-Deputati Reġistraturi kollha tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bl-importanza li d-depożizzjoni tax-xhieda kollha li jixhdu jiġu reġistrati.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**